IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 7.12.2022
JOIN(2022) 56 final/2
DOWNGRADED on 06.02.2023

2022/0423 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

2022/0423 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014[2] jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fi [XXX] 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) [XXX] li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Id-Deċiżjoni (PESK) [XXX] fetħet mill-ġdid l-iskadenza għad-deroga li tippermetti ċ-ċessjoni minn entità speċifika elenkata. Hija żiedet ukoll derogi mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal ċerti entitajiet elenkati ġodda, sabiex tippermetti t-terminazzjoni ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, konklużi qabel ma' dawk l-entitajiet, u biex jippermetti x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti agrikoli u tal-ikel.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet dwar l-iffriżar tal-assi, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinkludi informazzjoni relatata ma' kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont id-derogi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(4) Huwa wkoll xieraq li jiġi ċċarat li l-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri u sussegwentement skambjata mal-Kummissjoni tista' tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun waslet jew ġiet ipprovduta. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat li kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta mill-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 għandha tintuża mill-Kummissjoni biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta. Barra minn hekk, huwa xieraq, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet dwar l-iffriżar tal-assi, li jiġu ċċarati l-limiti tal-użu tal-informazzjoni pprovduta lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni rispettivament, f'dispożizzjonijiet differenti.

---

1 ĠU L 078, 17.3.2014, p. 16.

2 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

(5) Dawn l-emendi jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6b, il-paragrafu 2b huwa sostitwit b'li ġej:

'2b. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 108 fl-Anness I, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-tlestija, sa *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 6-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, ta' bejgħ u trasferiment kontinwu ta' drittijiet proprjetarji direttament jew indirettament proprjetà ta' dik l-entità f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni."

(2) Għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej fl-Artikolu 6b:

"2c. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entitajiet elenkati skont in-numri tad-dħul *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numri li jidentifikaw il-listi li għadhom kif ġew adottati li jikkonċernaw l-entitajiet bankarji]*, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sa *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 6-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inklużi relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*."

(3) fl-Artikolu 6e, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entitajiet elenkati taħt l-entrati numri 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numri tal-listi li għadhom kif ġew adottati li jikkonċernaw l-entitajiet bankarji]* fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti agrikoli u tal-ikel, inkluż il-qamħ u l-fertilizzanti."

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull informazzjoni mogħtija lil jew riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont dan l-Artikolu tintuża biss minn dawk l-awtoritajiet għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta."

(5) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Kull informazzjoni mogħtija lil jew riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont dan l-Artikolu tintuża biss minn dawk l-awtoritajiet għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta."

(6) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kull informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni:

(a) fir-rigward ta’ fondi ffriżati skont l-Artikolu 2 awtorizzazzjonijiet mogħtija skont id-derogi stabbiliti f’dan ir-Regolament;

(b) dwar ksur u problemi ta’ eżekuzzjoni u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.”

(7) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

Artikolu 16 a

Kull informazzjoni mogħtija lil jew riċevuta mill-Kummissjoni f’konformità ma’ dan ir-Regolament għandha tintuża mill-Kummissjoni biss għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President